MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 220/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fid-data tas-17 ta’ Awwissu 2002 il-partijiet iccelebraw iz-zwieg permezz tar-Registru Pubbliku (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument AB);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-attur huwa eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-konvenuta;

Illi ghalhekk l-attur qieghed jipprezenta din il-kawza sabiex jitlob li dan iz-zwieg iccelebrat fis-17 ta' Awwissu 2002 jigi ddikkjarat null u minghajr effett ai termini ta' l-Artiklu 19 (1) (b) u (c), ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg, Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta kif sussegwentement emendat;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fis-17 t'Awwissu 2002 u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (b) u (c) ta' l-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-13 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-konvenuti nomine eccepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk

jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza; id-digriet ta' l-1 ta'Marzu 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut nomine u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Awwissu, 2002 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (b) u (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta kif gia' inghad hija kontmacji u ma ressqitx provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali*

*ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan

naturalment japplika aktar f'kaz li l-konvenut ikun kontumacji ghaliex fl-ordinament guridiku taghna din hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (b) – il-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalitajiet tal-konvenuta li tista' mix-xorta taghha tfixkel il-kwalitajiet tal-hajja mizzewga;

19 (1) (c) – li l-kunsens tal-attur kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra. .

Mill-provi mressqa mill-attur jirrizulta li l-partijiet izzewgu wara li kienu ltaqghu *tramite* l-*internet*. Il-konvenuta qaltlu li kienet mit-Tanzanija u fil-fatt hekk jidher mill-Att taz-Zwieg. Meta il-konvneuta giet Malta bdew jghixu flimkien ghaliex il-familja tal-attur ma kinux kuntenti li jkollu relazzjoni ma' mara ta' kulur. Wara ftit (xi sitt xhur) izzewgu ftit xhur wara meta l-konvenuta qaltlu li kellha bzonn tmur l-Ingilterra biex iggib l-ghajnuna ta' xi hadd li kellu jghinhom jistabillixxu r-residenza hemmhekk Flok damet ftit granet, ma rritornat qatt u sar jaf li kellha tifel minghand ragel barrani qabel ma zzewwgu. L-attur skopra wkoll li l-konvenuta baqghet taghmel l-avvizi fuq l-*internet* biex issib ragel halli tizzewweg. Sab ukoll li fil-fatt hija kienet mill-xxxxx u uzat il-passaport xxxxxxxxx biex tidhol Malta bih u mbaghad tmur l-Ingilterra fejn kellha lil binha. Mill-kumpless tal-provi jidher illi kien l-attur li ma kienx preparat ghaliex kien ghadu jghix hajja protett mill-ġenituri tieghu u ghalkemm kellu tlieta u ghoxrin (23) sena kien ghadu immatur; fi kliemu stess din kienet l-ewwel relazzjoni tieghu ma' mara u ghalkemm certament dan wahdu mhux kawzali ghall-annullament taz-zwieg, dak li gara wara sabu mhux preparat u certament gie ngannat bl-iktar mod l

ampanti mill-konvenuta. Li tahbi li kellha wild minghand ragel iehor huwa certament qerq kif ravvizat mis-sub-artikolu 1 (b) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-17 ta' Awwissu, 2002. L-ispejjes ghandhom jithallsu mill-konvenuta, madankollu l-attur ghandu provizorjament ihallas l-ispejjes u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------